## Il-Ħadd, 7 ta' Ġunju 2020

Ġesù qal lil Nikodemu:
"Alla hekk ħabb lid-dinja
li ta lil Ibnu l-waħdieni,
biex kull min jemmen fih
ma jintilifx,
iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.
Għax Alla
ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja
biex jagħmel ħaqq mid-dinja,
imma biex id-dinja ssalva
permezz tiegħu.
Min jemmen fih
ma jkunx ikkundannat;
iżda min ma jemminx
huwa ġa kkundannat,
għax ma emminx
fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 3, versi 16-18***

# 103

"It-Trinità hija komunjoni ta' persuni divini li huma waħda mal-oħra, waħda għall-oħra, waħda ġewwa l-oħra: din il-komunjoni hi l-ħajja ta' Alla, il-misteru ta' mħabba ta' Alla l-Ħaj ... Waqt li naħsbu fuq il-misteru tal-għaġeb li minnu ġejjin u li lejh sejrin, tiġġeddilna l-missjoni li ngħixu l-għaqda ma' Alla u mal-oħrajn fuq il-mudell li toffrilna l-komunjoni divina. Aħna msejħin biex ngħixu mhux wieħed mingħajr l-ieħor, wieħed fuq l-ieħor jew wieħed kontra l-ieħor, imma wieħed mal-ieħor, għall-ieħor u fl-ieħor."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 31 Mejju 2015

*X'valur naghti lill-komunjoni?*

*Hemm xi ħaġa f'ħajti li mhix tgħin biex titkattar il-komunjoni?*

# Komunjoni

Trinità Qaddisa, jekk hemm kelma waħda
li tgħinna nfissruk xi ftit ta' bnedmin li aħna,
din hija l-kelma 'komunjoni',
u dik tiegħek
hija komunjoni li mhi nieqsa minn xejn.
U għalhekk, kemm għandna bżonn
inżommuk dejjem quddiemna
u nixorbu minn dak li Inti
fir-relazzjonijiet li aħna jkollna ma' xulxin.
Kemm għandna bżonn nagħmlu tagħna
s-sbuħija ta' li wieħed jgħix mal-ieħor,
b'kuntrast mal-kruha ta' min jgħix mingħajr l-ieħor;
is-sbuħija ta' li wieħed jgħix għall-ieħor
b'kuntrast mal-kruha ta' min jgħix kontra l-ieħor;
is-sbuħija ta' li wieħed jgħix fl-ieħor;
b'kuntrast mal-kruha ta' min jgħix fuq l-ieħor.

## It-Tnejn, 8 ta' Ġunju 2020

Kif ra l-folol, Ġesù tala' fuq il-muntanja, qagħad bilqiegħda, u resqu lejh id-dixxipli tiegħu. Fetaħ fommu u qabad jgħallimhom u jgħid: "Henjin il-foqra fl-ispirtu ... Henjin l-imnikkta ... Henjin ta' qalbhom ħelwa ... Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja ... Henjin dawk li jħennu ... Henjin dawk li huma safja f'qalbhom ... Henjin dawk li jġibu l-paċi ... Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa ... Henjin intom, meta jgħajjrukom u jippersegwitawkom ...
Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 5, versi 1-12a***

# 104

"Il-Beatitudnijiet ta' Ġesù jġibu magħhom rivoluzzjoni ġdida, mudell ta' ferħ bil-kontra ta' dak li soltu jipprovaw iwasslulna l-medja u l-kurrent ta' ħsieb dominanti. Għall-mentalità tad-dinja, li Alla ġie biex sar wieħed minna, li miet fuq salib, dan hu skandlu! Fil-loġika ta' din id-dinja, dawk li Ġesù jlaqqam henjin huma meqjusa telliefa, dgħajfin. Minflok, fuq wiċċ l-idejn insibu s-suċċess, hu x'inhu l-prezz tiegħu, il-ġid, l-arroganza tal-poter, l-affermazzjoni tal-jien anki minn fuq dahar l-oħrajn."

PAPA FRANĠISKU,
*Messaġġ,* Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2014

*Nemmen fil-ferħ li joffru l-Beatitudnijiet?*

*Kemm qed ninfluwenza ruħi minnhom?*

# Rivoluzzjoni ġdida

Bil-Beatitudnijiet, Mulej,
lin-nisrani
Inti tagħtih il-karta tal-identità tiegħu:
karta li kull darba li jħares lejha
tisfidah jara fejn qegħdin iċ-ċertezzi tiegħu;
karta li kull meta jħalliha tinfluwenzah
tgħinu jħaddan b'mod trankwill u kreattiv
dak li d-dinja tagħmel minn kollox
biex taljenah minnu;
karta li kull meta jagħti kasha,
fil-qalb tiegħu
toħloqlu rivoluzzjoni ġdida u sabiħa;
karta li tiżgurah il-ferħ li jibqa'.
Ħallini niftakar, Mulej, li wara kollox,
din il-karta tal-identità li Inti tagħtini bħala nisrani
hija l-istess waħda li għandek Int!

## It-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Intom il-melħ ta' l-art. Imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu t-togħma? Ma jibqa' tajjeb għal xejn iżjed ħlief biex jintrema barra u jintrifes min-nies. Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 5, versi 13-16***



"In-nisrani jrid ikun
melħ u dawl.
Il-melħ jagħti t-togħma,
jikkonserva,
filwaqt li d-dawl idawwal.
In-nisrani jrid jingħata,
u jagħti t-togħma
lill-ħajja tal-oħrajn
bil-messaġġ tal-Vanġelu.
Il-melħ qiegħed għand in-nisrani
biex jagħtih lil ħaddieħor.
Il-melħ u d-dawl qegħdin hemm
biex nagħtuhom lill-oħrajn,
mhux biex inżommuhom
għalina."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 7 Ġunju 2016

*It-togħma tal-Vanġelu nwassalha lill-oħrajn?*

*X'qed nagħmel biex ħajti stess ma titlifx it-togħma tal-Vanġelu?*

# Li tagħti t-togħma

Dak li bil-grazzja tiegħek jien, Mulej,
Inti tridni naqsmu mal-oħrajn.
Dak li bil-grazzja tiegħek niskopri minnek,
Inti tridni ngħaddih lil ħaddieħor.
B'dak li bil-grazzja tiegħek jirnexxili ngħix
mill-Vanġelu tiegħek
Inti tridni ngħajjex lill-oħrajn bih.
B'dak li bil-grazzja tiegħek inkun
Inti tridni nagħti t-togħma tiegħek.
Agħmel, Mulej,
li jiena ngħix is-sejħa
li Inti tagħmel lil kull min jimxi warajk
li jkun il-melħ tal-art.
Agħmel li jien ma nitlifx l-imluħa tiegħi;
imma jekk jiġrili hekk
fittex erġa' agħtihieli.

## L-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2020

Ġesù
qal lid-dixxipli tiegħu:
"Xejn taħsbu
li ġejt inwaqqa' l-Liġi
jew il-Profeti;
jiena ma ġejtx
biex inwaqqagħhom,
iżda biex inwassalhom
għall-milja tagħhom.
Tassew ngħidilkom,
li sa ma jkunu għaddew
is-sema u l-art
anqas l-iżgħar ittra
jew tikka waħda
mil-Liġi
ma titneħħa
sa ma jkun seħħ kollox."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 5, versi 17-18***



"Fil-Bibbja, il-kmandamenti
mhumiex qegħdin hemm
għalihom infushom,
imma huma parti minn rabta,
relazzjoni
bejn Alla u l-poplu tiegħu.
Il-Mulej Ġesù
ma ġiex biex ineħħi l-Liġi,
imma biex iwassalha għall-milja
billi juri lil dak li jkun kif jgħixha
fl-ispirtu veru tagħha.
U l-ispirtu veru tagħha huwa dan:
id-djalogu ta' mħabba
li Alla Ħellies ifittex li jkollu
mal-poplu tiegħu."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 20 Ġunju 2018

# L-Għaxar Kelmiet

*Għalija*
*x'inhu l-iktar*
*importanti:*
*il-kmandamenti*
*jew*
*min tahomli?*

*Xi spazju*
*għandi*
*għal kif*
*jistedinni*
*ngħixhom*
*Ġesù?*

Kemm jieħdu spirtu ġdid, Mulej,
il-kmandamenti,
meta Inti tfakkarni
li, qabel kull ħaġ'oħra,
huma l-kelmiet ta' xi Ħadd
li jidħol f'patt ta' mħabba mal-bniedem;
il-kelmiet ta' xi Ħadd
li jiftaħ il-ħajja tiegħu mimlija armonija
lili u lill-bnedmin kollha;
il-kelmiet ta' xi Ħadd li jixtieq jiftaħ
il-ħajja tiegħi u tal-bnedmin l-oħra lilU;
il-kelmiet ta' xi Ħadd
li jixtieq jgħinni niftaħ il-ħajja tiegħi lill-oħrajn
biex din issir għotja sabiħa ta' mħabba.
Ibqa' fakkarni, Mulej, f'dan il-patt ta' mħabba.
Urini kif nidħol dejjem iżjed fih.

## Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Ngħidilkom li, jekk il-ħajja tajba
tagħkom ma tkunx ħafna aħjar
minn dik tal-kittieba u l-Fariżej,
ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet.
Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari:
'La toqtolx'.
Mela jekk xi ħadd joqtol
ikun ħaqqu l-kundanna.
Imma jien ngħidilkom
li l-kundanna tistħoqq ukoll
lil min jinkorla għal ħuh.
Jekk imbagħad xi ħadd
lil ħuh jgħidlu: 'Ġifa', ikun ħaqqu
l-kundanna tas-Sinedriju;
u jekk jgħidlu: 'Iblah',
ikun ħaqqu n-nar tal-infern."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,
kapitlu 5, versi 20-22***



"Dwar il-Kmandament 'La toqtolx', Ġesù jafferma li dan ma jinkisirx biss bil-qtil effettiv, imma wkoll b'dawk l-imġibiet li joffendu d-dinjità tal-persuna umana, inkluż il-kliem li jweġġa'. Ċertament, kliem bħal dan m'għandux l-istess gravità u ħtija daqs il-qtil, imma jitqiegħed fuq l-istess linja. Ġesù jistedinna biex ma nagħmlux gradwatorja tal-offiżi, imma biex inqisuhom kollha ta' deni, għax għandhom l-għan li jagħmlu ħsara lill-proxxmu. ... Min jinsulta lil ħuh, f'qalbu jkun qed joqtol lil ħuh."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 12 Frar 2017

*F'ħajti*
*hemm*
*xi atteġġjamenti*
*li minħabba*
*fihom*
*ħaddieħor*
*qed jaqta' nifsu?*

*X'nista'*
*nagħmel*
*biex nikkoreġi*
*dawn*
*l-atteġġjamenti?*

# Il-qtil ta' kuljum

Kemm noqtlu lil xulxin, Mulej, aħna l-bnedmin!
Kemm noqtlu lil xulxin mhux daqstant bl-armi
daqskemm bi ħwejjeġ oħra
li mhumiex nieqsa mill-vjolenza:
kliem li jweġġa' lil ħaddieħor,
imġiba li lill-oħrajn ma tħallilhomx wisa';
ġudizzji bl-addoċċ fuq in-nies;
ġesti li jtaqqlu lill-oħrajn;
attitudnijiet li jnawru l-istima
lejn id-dinjità li kull persuna umana għandha.
Taqta' nifsek
taħseb kemm jonqosna aħna l-bnedmin
biex nirrispettaw tassew lil xulxin.
Ma nafx x'naqbad nitolbok, Mulej,
ħlief li tħenn għalina
u trattbilna l-ebusija tal-qalb tagħna.

## Il-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Smajtu xi ntqal:
'La tagħmilx adulterju'.
Imma jiena ngħidilkom
li kull min iħares lejn
mara biex jixtieqha
jkun ġa għamel adulterju magħha
f'qalbu ...
Intqal ukoll: 'Min jibgħat lil martu
jkollu jagħtiha l-kitba tad-divorzju'.
Imma jiena ngħidilkom
li kull min jibgħat lil martu
barra l-każ ta' żwieġ ħażin,
iwaqqagħha fl-adulterju;
u min jiżżewweġ waħda
mibgħuta minn ħaddieħor
jagħmel adulterju."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,
kapitlu 5, versi 27-28. 31-32***

108

"L-adulterju kien meqjus bħala vjolazzjoni tad-dritt tal-propjetà tar-raġel fuq il-mara. Iżda Ġesù jinżel fl-għeruq ta' dan il-ħażen. Kif bl-inġurji u bl-insulti wieħed jista' jasal biex joqtol, hekk permezz tal-intenzjoni li jagħmel tiegħu mara differenti minn martu wieħed jasal għall-adulterju. Bħad-dnubiet l-oħra, l-adulterju dejjem jitnissel fil-qiegħ ta' qalbna, u ladarba f'qalbna tkun saret l-għażla żbaljata, dawn isiru atti konkreti. U Ġesù jgħid li min iħares lejn mara li mhix tiegħu bix-xewqa li jagħmilha tiegħu ikun diġà beda t-triq tal-adulterju."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 12 Frar 2017

*Jien lil qalbi ngħarbilha?*

*Ninżel fil-fond ta' kulma jiġri ġo fiha?*

# Fil-qiegħ tal-qalb

Bħalma jiġri fil-bnedmin kollha
huwa fil-qalb tiegħi, Mulej,
fejn jiena nagħmel l-għażliet tiegħi,
tajbin u mhumiex;
huwa hemmhekk
fejn jien inkun poġġejt lili nnifsi
fil-bidu ta' triq partikulari,
li mhux lakemm terġa' lura minnha.
Għax imbagħad, dawn l-għażliet
il-qalb jkollha seba' mitt ġenn
sakemm issarrafhom konkretament fil-ħajja,
sakemm tlaħħamhom;
sakemm tagħmilhom fatti.
Għalhekk, Mulej,
ħu ħsieb lil qalbi
fl-għażliet kollha li hija tagħmel.

## Is-Sibt, 13 ta' Ġunju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Smajtu wkoll x'intqal lin-nies ta' dari: 'Tonqosx mill-wegħda li ħlift imma rodd lill-Mulej il-wegħdiet li ħliftlu'. Imma jiena ngħidilkom biex ma taħilfu xejn, u la bis-sema, għax hu t-tron ta' Alla, u la bl-art, għax fuqha jserraħ riġlejh, u lanqas b'Ġerusalemm, għaliex hija l-Belt tas-Sultan il-kbir. U lanqas b'rasek ma għandek taħlef, għaliex inti anqas biss xagħra waħda ma għandek ħila tagħmilha bajda jew sewda. Mela ħa jkun id-diskors tagħkom: 'Iva, iva; le, le'; kulma hu iżjed minn hekk ikun ġej mill-Ħażin."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 5, versi 33-37***



"Ġesù jgħid lid-dixxipli biex ma jeħdux ġuramenti, għax il-ġurament hu sinjal ta' nuqqas ta' sigurtà u ta' wiċċ doppju tar-relazzjonijiet umani. L-awtorità ta' Alla tiġi strumentalizzata biex tkun garanzija tal-avvenimenti umani. Aħna iktar imsejħin biex bejnietna, fil-familji tagħna u fil-komunitajiet tagħna, nistabbilixxu klima trasparenti u ta' fiduċja reċiproka, biex nitqiesu bħala nies sinċieri mingħajr ma jkollna għalfejn nistrieħu fuq interventi mill-għoli biex nitwemmnu."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 12 Frar 2017

*X'piż nagħti*
*lis-sinċerità*
*fil-ħajja?*

*Hemm*
*xi mumenti*
*li fihom infittex*
*li niżloq*
*mis-sinċerità?*

# Li ma tilgħabx bil-kliem

Jekk hemm xi ħaġa
li r-relazzjonijiet ta' bejn il-bnedmin
iżżommhom sbieħ,
din hija s-sinċerità, Mulej.
Is-sinċerità tagħti lil min iħaddanha
awtorità li ħadd ma jagħtihielek daqsha;
piż lill-kelma ta' min iħaddanha
li xejn ma jagħtihielek daqsha;
valur lill-persuna ta' min iħaddanha
li ftit ħwejjeġ oħra jagħtuhomlok daqsha.
Agħtini l-grazzja tas-sinċerità
dejjem u f'kull ħin;
agħtihieli din il-grazzja
miegħi nnifsi,
mal-oħrajn,
miegħeK.